QALA

Ref Nru: 24

Il-minuti tal-erbgha u ghoxrin laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar it-Tlieta 22 ta' April 2014, fil-5:00 ta' fil-ghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

Skuzat:

| | |
|---|---|
| Ambaxxatur: | Christoph Caruana |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tat-tlieta u ghoxrin laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tat-tlieta u ghoxrin laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 EAFRD mizura 313 – *Embellishment* ta' Pjazza San Guzepp.**

3.1 Is-Sindku semma li x-xoghol fuq il-gnien ta' fuq il-grawnd tal-futbal qed isir. Is-Sindku semma li nghata bidu ghax-xoghol ta' *embellishment* ta' Pjazza San Guzepp fejn inghata l-*base* ta' l-art bil-konkos. Is-Sindku semma li skond il-Perit inghata l-konkos ta' grad C30 u peress li fil-kuntratt li ghandu l-Kunsill ma' Salvu Camilleri and Sons Ltd. ghal provvista ta' *readymix concrete* ma kienx hemm dan il-grad, din il-kumpanija ntalbiet stima ta' C30 biex b'hekk il-konkos jithallas xorta wahda skond il-kuntratt hlief ghad-differenza fil-prezz ta' l-oghla grad fil-kuntratt li huwa C20 u l-prezz tal-istima li hija C30. Il-Kunsill ircieva zewg

ittri minghand Jonathan Attard mill-MEPA dwar talba ghall-informazzjoni fuq l-applikazzjoni tal-Kunsill DN 00181/14 u approvazzjoni ta' din l-applikazzjoni sabiex isir zvilupp ta' pavimentar fil-Pjazza. Il-Kunsill ircieva wkoll ittra minghand Paul Zammit mill-MEPA dwar il-qligh tas-sigar tal-palm li hemm fil-pjazza datata 11 ta' April 2014. Is-Sindku semma li fl-ahhar laqgha l-Kunsill kien unanimament ftehim li jigu imnehhija imma permezz tal-ittra tas-Sur Zammit dawn ma jistghux jergghu jithawwlu u kif ukoll skond din l-ittra lanqas ser jinghata permess sabiex jitnehhew is-sigar l-ohra li hemm fil-pjazza. Il-Kunsill ircieva wkoll petizzjoni minghand xi residenti sabiex jinqalghu s-sigar l-ohra u li kien hemm hafna ghajdut fuq ghandhomx jinqalghu jew le. Il-Kunsillier Paul Buttigieg issuggerixxa li ghandha tinhareg stqarrija mill-Kunsill dwar dan. Is-Sindku semma li l-istqarrija ghandha tghid li l-Kunsill applika sabiex jinqalghu s-sigar tal-palm u qatt ma applika sabiex jinqalghu s-sigar l-ohra. Is-Sindku semma li l-progett tal-pjazza ghandu jigi nawgurat gimgha qabel il-festa ta' San Guzepp, il-gnien ta' fuq il-grawnd tal-futbal fil-Lulju wkoll, u l-muzew folkloristiku f'Settembru meta jsir l-*Qala International Folk Festival.*

**4 Approvazzjoni tal-*Annual Budget* (l-estimi tad-dhul u ta' l-infiq) ghas-sena finanzjarja 2014.**

4.1 Intbghatu lis-Sindku, lill-Vici Sindku u l-Kunsillieri kopji tad-*draft* ta' l-*Annual Budget* (l-estimi tad-dhul u tal-infiq) ghas-sena finanzjarja 2014 li s-Segretarja Ezekuttiva ppreparat. Il-Kunsill unanimament approva l-*Annual Budget* (l-estimi) ghas-sena finanzjarja 2014.

**5 Approvazzjoni tal-*Business Plan* 2014-2016.**

5.1 Intbghatet lis-Sindku, lill-Vici Sindku u l-Kunsillieri lista tax-xogholijiet u progetti li behsiebu jaghmel il-Kunsill minn 2014-2016. Gew diskussi x-xogholijiet u progetti li jistghu jsiru f'dawn it-tlett snin li gejjien. Wara dan, il-Kunsill unanimament approva din il-lista.

**6 Programm ta' Jum il-Qala.**

6.1 Is-Sindku ta spejgazzjoni tal-programm ghal Jum il-Qala 2014 li jikkonsisti f'li gej:

- Harga ghal Malta.
- Maratona li ser tkun organizzata minn The Gozo Greyhounds.
- Laqgha mar-residenti barranin.
- Laqgha tal-lokalita` ghar-residenti Qalin.
- Laqgha mal-istudenti tal-Iskola Primarja Qala.

**7 Harga fl-okkazzjoni tal-*mothers day*.**

7.1 Is-Sindku semma li nhar l-Erbgha 7 ta' Mejju 2014 ser tigi organizzatha harga fl-okkazzjoni tal-*mothers day*. Din ser tkun tikkonsisti f'quddiesa fil-knisja ta' Marsalforn u wara loghob tat-tombla fil-Calypso Hotel.

**8 Progetti ta' tisbih madwar il-lokalita` tal-Qala.**

8.1 Is-Sindku semma li l-Perit Edward Scerri pprepara pjanti dwar progetti ta' tisbih madwar il-lokalita' tal-Qala. Huwa semma li fl-laqgha li jmiss ser igib dawn il-pjanti halli l-Kunsill ikun jista` jistudjahom ftit.

**9 Materji ohra.**

9.1 Is-Sindku semma li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-ilma u l-Ministeru ghal Ghawdex ser jghaddu *main* tal-ilma gdid mid-distillatur ta' Hondoq ir-Rummien sal-lokalita` ta' Sannat. Jigifieri dan il-*main* ser jghaddi minn Triq Hondoq ir-Rummien, parti minn Triq il-Kuncizzjoni, Triq il-Forn, Triq ir-Rebha, parti minn Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg u Triq l-Imgarr. Wara li jsir dan ix-xoghol it-toroq imsemmija ser jinghataw it-tarmak. Huwa semma li r-rotta giet maghzula mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-ilma.

9.2 Is-Sindku semma li l-Ministeru ghal Ghawdex qed jahdem fuq is-*Science Centre* li ser isir fid-distillatur li hemm f'Hondoq ir-Rummien. Dawn huwa progett tal-EKO Gozo.

9.3 Is-Sindku semma li l-kuntratt li kellu l-Kunsill mal-Qala St Joseph Football Club dwar il-kiri tal-*clubhouse* u l-*area* ta' madwar kellu jintemm u sar kuntratt gdid peress li l-Qala St Joseph Football Club bidlu l-isem u sar Qala Saints Football Club.

9.4 Is-Sindku semma li l-kontijiet tad-dawl tal-Gnien il-Familja ser jithallas skond ir-rapport dwar il-konsum tad-dawl li gie ppreparat mill-Inginier Francarl Galea. Il-Kunsill ser ihallas il-parti tieghu kollu filwaqt li Paul Michael Debattista l-persuna li huwa mikri ghandu l-*clubhouse* ser ihallas *by installments.*

9.5 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-MEPA b'referenza QLC/MEPA/1/2014 dwar applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp numru PA/03395/13.

9.6 Il-Kunsill ircieva zewg stimi dwar assigurazzjoni tal-*fire, theft, public liability, employers liability u group personal accident* minghand Compass Group Limited u Citadel Insurance. Wara li l-Kunsill studja dawn l-istimi, ddecida li jaghzel dik tal-Compass Group Limited.

9.7 Gie trattat ir-rapport u l-*financial statements* ghas-sena finanzjarja Jannar – Dicembru 2013 revedut li gew ippreparati mill-Kunsill. Il-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport u l-*financial statements.*

QALA

## 10 Korrispondenza.

10.1 Il-Kunsill ircieva din il-korrispondenza:

10.2 Ittra minbghand is-Sindku Angelo Stefani mill-Comune di Canale Monterano fejn informa lill-Kunsill li huma accettaw li jsir gemellagg bejn il-Qala u Canale Monterano.

10.3 Ittra mibghuta minn Michael Gatt mill-Gozo Action Group dwar l-applikazzjoni tal-EAFRD ghal fondi taht il-mizura 413.4. L-applikazzjoni tal-Kunsill giet maghzula u l-progett li ser isir huwa ta' *embellishment* tal-gnien tal-Belvedere ezistenti.

10.4 Giet trattata ittra mibghuta mis-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Franco Mercieca dwar il-kompetizzjoni A+Accessibility Award. Giet mibghuta wkoll ittra mid-Direttur tal-Kunsilli Lokali Carmel Abela dwar din il-materja.

10.5 Ittra mibghuta mis-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Justyne Caruana dwar seminar konsultattiv – Politika Nazzjonali ghad-Drittijiet ta' Persuni b'Dizabilita`.

10.6 Notifika t'avviz mibghuta minn Joseph Bezzina *(Enforcement*) ghad-Direttur ta' l-Infurzar ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b'referenza ECF 00075/14, fejn b'din l-istess notifika nforma lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avviz ta' Infurzar u kopja ta' dan qed jigi anness ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

Il-laqgha ntemmet fis-7:30 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Hamis 19 ta' Gunju 2014.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |